# SJAF Magazine

*SJA FOUNDATION*
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/4th Mav 2008**

*a monthly e- magazine – Issue No.26 ,September 2009*

## KLINIKA għal ŻGĦAŻAGĦ vulnerabbli li qed ifittxu x-XOGĦOL



Qrib it-tmiem ta' Settembru, SJAF organizzat l-ewwel klinika sabiex inressqu aktar żgħażagħ vulnerabbli lejn id-dinja ta' taħriġ u xogħol. Mill-ETC ġentilment ġiet Loredana Gatt mis-Supported Employment Division. Magħha ddiskutejna kif nistgħu naħdmu aktar mill-qrib ma' l-ETC sabiex ngħinu b'mod aktar ħaj u effettiv liż-żgħażagħ u nisa vulnerabbli li naħdmu magħhom. Iddiskutejna aktar modi kif persuni li jaffaċċjaw sfidi kbar f'ħajjithom jersqu lejn l-ETC b'fiduċja akbar u b'anqas anzjetà.

Waqt din il-klinika, uħud miż-żgħażagħ li naħdmu magħhom setgħu jiddiskutu x-xewqat tagħhom sabiex aħna u l-ETC nagħmlu pjan ta' kif ngħinuhom jimxu 'l quddiem f'ħajjithom.

Per eżempju: il-pjan għal żagħżugħ b'nuqqas ta' ħiliet bażiċi li ilu jieħu ħsieb membru tal-familja bi problemi ta' saħħa mentali jinkludi: (a) parteċipazzjoni fil-Programm Bridge tal-Fondazzjoni, (b) applikazzjoni għal benefiċċju soċjali tal-Wens, (c) eġistrazzjoni ma' l-ETC, u (d) applikazzjoni għall-iskema Bridging the Gap imħaddma mill-ETC. Dan apparti l-appoġġ li l-Fondazzjoni tibqa' tagħti lill-familja kollha.

**Fil-ħidma tagħha ma' persuni fid-diffikultà, dejjem nagħmlu mill-aħjar biex ngħinu persuni biex iħejju CV u portfolio. Il-proċess huwa wieħed ħaj għax mibni fuq diskussjoni dwar ix-xewqat tal-persuna biex tkompli tiżviluppa u tibni ħiliet, il-pjan pass pass biex tagħmel dan u l-bini ta' CV li qisu mera tal-persuna. Is-Community Social Workers u Community Workers kollha jużaw dan il-metodu biex jgħinu fil-bini ta' pont bejn ir-realtà ta' ħajjet il-persuni mgħejuna u l-firxa ta' opportunitajiet li jeżistu bħal ma' huma dawk ta' l-ETC.**

# Il-Ħidma ma' Persuni u Familji Vulnerabbli

**Minn nofs l-2007 sallum, il-Fondazzjoni ħadmet ma' 463 persuna:**

- **315 minnhom nisa u 148 irġiel;**
- **165 minn Ħal Tarxien u 56 minn Raħal Ġdid;**
- **matul is-sena l-oħra – 2008 - ġew riferuti lilna 169 familja;**
- **minn Jannar sa Settembru ta' din is-sena ġew riferuti 112 familja.**

**il-problemi l-aktar komuni huma:**
**is-saħħa mentali; id-diżgwid fil-familja li jista' jwassal għal firda, nuqqas ta' ħiliet bażiċi, persuni li jħossuhom weħidhom u maqtugħa u problemi finanzjarji.**

**Apparti l-appoġġ li jingħata mis-Social Workers, il-familji noffrulhom l-possibiltà, jekk tinħass il-ħtieġa u huma jixtiequ, ta' Counselling, ta' grupp biex ikomplu jaħdmu fuq l-iżvilupp personali, ta' appoġġ fit-tagħlim għall-ulied, u ta' korsijiet għalihom. Il-Fondazzjoni tħeġġeġ persuni li jkunu ġew mgħejuna biex jinvolvu ruħhom f'xi xogħol volontarju f'xi qasam li jinteressahom, kemm mal-Fondazzjoni, kemm ukoll ma' għaqdiet oħra.**



## Young Women's Christian Association (YWCA) Malta offers scholarships to vulnerable women

YWCA Malta was founded in 2006 by the American Ambassador. It is based in Msida and strives to reach out to women who need to develop skills for better job prospects. Apart from this, YWCA Malta supports women who, for some reason or other, find themselves alone with no roof over their head.

YWCA offers opportunities to vulnerable women to develop their basic skills in a welcoming and friendly environment and does not charge a fee. On an international level, YWCA supports around 25 million women from more than 122 countries with the main aim of empowering women for participation in all levels of society.

SJAF has recently encouraged two young female service users to apply for two of the three scholarships being offered by YWCA Malta. YWCA (Malta) is offering three scholarships for young females interested in gaining a qualification in one of these three areas but are unable to afford the costs: N**ail Technology, Fashion & Photographic Makeup and Beauty Therapy.** The Cosmetology Scholarships are being offered by a leading cosmetology institute.

We wish YWCA well in their mission which complements that of SJAF.

# Homework Support Service



Once more the Homework Support Service is re-starting parallel with the scholastic year. Following a review of the service and a series of planning meetings, we are all set to a godd start with a meeting for parents on the 30th September. The first session with children will be held on Friday 2nd October, starting off with *Circle Time*. This term, we shall be working with **20 children** whose families are being supported by the Social Work & Counselling team.

We now have 15 Volunteer Tutors, togther with 2 roaming Tutors as back ups every Friday. 6 Volunteer Tutors are new to the service; we welcome them all. Service sessions take place every Friday from 4.00 to 6.30 p.m.

*Jessie*

# Klabb NannaKola



**Dalwaqt ser jibdew tliet Klabbs Nanna*Kola* f'Ħaż Żabbar, f'M'Scala u B'Kara**:

***- F'Ħaż Żabbar fis-Sala Ragħaj it-Tajjeb mill-Ġimgħa 6 ta' Novembru mid-9:15am sal-11:15am***
***- F'Marsascala fis-Sala San Ġwakkin mill-Erbgħa 7 t'Ottubru 2009 mid-9:30am sal-11:30am***
***- F'B'Kara fis-Sala Parrokjali mit-Tlieta 20 t'Ottubru mid-9.15am sal-11.15am***

Min jixtieq jattendi jista' jniżżel applikazzjoni mill-website: www.antidemalta.com jew jiġbor formola t'applikazzjoni mingħand il-Kappillan tal-lokal. Għal aktar informazzjoni tistgħu ċċemplu ċ-Ċentru Antida fuq 27672367 / 21808981.

Dehru artikli qosra fuq il-Klabb ta' M'Scala u Ħaż Żabbar fil-paġni tan-nofs fil-ħarġa ta' Ottubru tal-magażin tad-dijoċesi FLIMKIEN.

F'B'Kara, se jitħarrġu voluntieri mill-parroċċa stess biex l'l quddiem ikun f'qagħda li jmexxi klabbs oħra huma stess. Il-Prepostu, Fr Tony Cassar, jixtieq li l-klabb jinkludi sessions fuq kif in-nanniet jistgħu jrawmu twemmin u jitkellmu man-neputijiet dwar Kristu. Il-Klabb ta' B'Kara se jitmexxa minn Emma u Tony Pulis.

Il-Klabb ta' M'Scala se jitmexxa minn Josephine Chetcuti, voluntiera mill-Parroċċa stess wara li hi ħadmet id f'id mal-ħaddiema tal-Fondazzjoni matul l-ewwel klabb li nbeda u ntemm din is-sena stess. Josephine se tkun mgħejuna minn Emma u Tony Pulis. Dan l-istess tim ta' tlieta se jmexxi l-Klabb tal-parroċċa ta' Ħaż Zabbar.

## Diary of a SJAF Community Social Worker

As from mid-June, I was invited to start working with the St. Jeanne Antide Foundation (SJAF) as a part-time Community Social Worker; I was honoured to be offered such an opportunity. I immediately started co-working with the SJAF Youth Worker in the Kirkop Community Outreach project, working with troubled youths there. At the same time, I designed and delivered a short 8-session course on *Self-esteem* for youths with mental health problems. The interest and commitment of the participants was very high and touching. Together, we covered and discussed aspects of self-esteem such as self-awareness, assertiveness, intra-personal and inter-personal communication and team-building. The main aim of these sessions was to boost and enhance the self-esteem of participants and to enable them to work on skill development. In order to nurture team-building, group members had to plan an activity in which everyone assumed a particular role and performed it responsibly. A BBQ Night was proposed and on the 4th of September we spent a splendid evening together with our friends and families.

On the 7th of September, I started working full-time. I was welcomed by all the staff and volunteers. Together with my Social Work colleagues, we identified the specific areas of focus for each of us. My special areas of focus are as a Community Social Worker are social work with youths referred to SJAF, linking vulnerable service users to the ETC and to lifelong-learning course providers, and supporting youths with mental health problems. Apart from that, I shall be co-ordinating the Bridge Programme (3rd intake), assisting with the family links of the Homework Support Service and co-ordinating monthly support visits by volunteers to female prisoners.

As a Social Worker, I value professional consultations and know that accessing support and advice from experienced professionals, including my colleagues at SJAF, will enrich my competence in the coming years.

A quote from Miriam Wright Edelman (1939) had always struck me: “If you don't like the way the world is, you change it. You have an obligation to change it. You just do it one step at a time.” I find these words inspiring since they reflect the mindset of a socially committed social worker. One of my lecturers at university used to say, “You are the agents of change” and I am committed to do my best to ensure social justice, to enhance a better quality of life for the people I work with, and to develop the nurture the fulfilment of the potential of each individual I work with.

Finally, I would like to thank all my colleagues at SJAF for their love, care and dedication to the service of vulnerable others.

*Ruth Brincat*

## *L-istudenti tal-Programm Bridge iħejju għall-Open Day*

Dawk il-parteċipanti tal-Programm Bridge li għażlu wkoll it-tisjir diġà bdew iħejju għall-**Open Day** (8 ta' Novembru) billi qed isajru muffins għal bejgħ dakinhar.
***Grazzi żgħażagħ tal-Bridge!!!!***



It-tielet grupp Bridge hu kompost minn 8 żgħażagħ li qed isegwu l-programm fi grupp u 3 oħra li qed igawdu minn program individwali sakemm ikunu f’qagħda li isegwu l-programm usa ta’ ħiliet bażiċi li jinkludi l-Malti, Ingliż, ICT, tisjir, budgeting u żvilupp personali



## COUNSELLING

***I am feeling depressed and useless.***
***I am extremely shy and have difficulty making friends.***
***I am a very anxious person. I infect others with anxiety.***
***I have a poor relationship with my colleagues, parents, children, husband/wife.***



These are just a few of the concerns that people might have and wish to work on for a better quality of life and more harmony in day to day living. Sharing these difficulties with another person could be helpful towards exploring the problems and working towards being more in touch with self, others and our environment.

Counselling focuses on helping people to discover and use their existing resources for coping with life better and adjusting to changes as they crop up.

SJA offers counseling services to vulnerable individuals and families without the financial resources to seek such crucial support.

**Vivien Cassar, Counsellor**

## Lejn Żwieġ b'Saħħtu

Il-*Moviment ta' Kana* ser jorganizza dawn iż-żewġ attivitajiet:

- **4 ta' Ottubru 2009**: laqgħa għal koppji fl-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa tagħhom immexxija minn Mons.Paul Vella, imħallef tat-tribunal ekklesjastiku.
  **Post**: is-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtu, Rabat
  **Ħin**: fid-9.30am u tispiċċa bil-Quddiesa tal-Ħadd fil-kwarta. Ikun hemm *childminding service*
  **Ħlas:** €5 għal kull koppja
  **Ibbukkjar**: Ċemplu Tel.79417757 / 79453431 E-mail: margiac@maltanet.net

- **8 ta' Ottubru 2009:** Laqgħa fuq it-tema Familja b'saħħitha, Ulied b'saħħithom.
  **Kelliema**: Roberta Zahra de Domenico u Ruth Formosa Ventura
  **Post:** Sala San Pawl, Istitut Kattoliku, il-Furjana
  **Ħin**: 7.00 p.m.



# DUQ IL-ĦEMDA
## - strieħ f'Alla permezz tat-Talba tal-Kunsens

Matul ix-xahar ta' Settembru, il-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità flimkien mal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida nediet żewġ gruppi ta' Centering Prayer jew it-Talba tal-Kunsens. Fl-23 ta' Settembru saru żewġ laqgħat ta' introduzzjoni prattika (*Introductory Workshop*) sabiex dawk kollha li esprimew interess isiru jafu aktar qabel jiddeċiedu jekk jixtiequx jieħdu sehem f'wieħed minn żewġ gruppi li se jsiru kull Nhar t'Erbgħa filgħodu (100.00 sal-11.30) u filgħaxija (6.45-8.15).

## X'inhi s-Centering Prayer jew it-Talba tal-Kunsens?

Kulħadd magħmul fix-xbiegħa u x-xebh t'Alla. Is-Centering Prayer hija prattika kontemplattiva nisranija fejn tinfetaħ għall Preżenza ta' Alla fik, mingħajr użu ta' ħsibijiet, kliem, emozzjonijiet, jew stampi fil-moħħ. Tqarrbek lejn il-Mulej u lejn ħaddiehor. Tagħtik serħan u sliem profond. Tqawwik, u tressqek lejn xejra kontemplattiva fil-ħidma nisranija tiegħek u fil-ħajja ta' kuljum.



For You alone my soul waits in silence;
My hope is from the Beloved.
Enfolding me with strength and
Steadfast love,
My faith shall remain firm.
In the Silence rests my freedom and
My guidance;
You are the Heart of my heart,
My refuge is in the Silence.

Psalm 62 (part) from Nan Merrill, Psalms for Praying
(Continuum, 1999)

## "Meta titlob..." – x'jgħidilna Ġesu

Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, għalaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu. (Matt 6:6)

But when you pray, go into your room, close the door and pray to your Father, who is unseen. Then your Father, who sees what is done in secret, will reward you. (Matt 6:6)

**Fr John Main osb, jitkellem dwar:**

# Il-Ħemda

"[Hemm min qal li] l-moħħ huwa bħala sigra kbira mimlija xadini, kollha jaqbżu minn fergħa għal fergħa u kollha megħdijin bi tpaċpiċ u ċaqliq li ma jaqta' qatt.
"Li wieħed jitlob ma jfissirx li wieħed iżid ma' din il konfużjoni billi jgħajjat magħħa biex iwaqqafha u jgħattiha b'tagħbija oħra ta' tpaċpiċ. Ix-xogħol tal-meditazzjoni huwa li, lil dan il-moħħ ċaqlieqi u mimli distrazzjonijiet, twasslu sal-waqfien, sal-ħemda, u sal-konċentrazzjoni. Jigifieri li twasslu sal-kundizzjoni kif għandu jkun sabiex jagħti servizz tajjeb. Dan huwa l-għan li tagħna l-awtur tas-Salmi:

*Bizzejjed! (Isktu/ieqfu) kunu afu li jien Alla." (Be still and know that I am God) Ps 46:10*

"Waħda mill-ewwel tagħlimiet tal-umiltà hija illi naslu sal-għerf u l-ħemda, u ngħaddu lilhinn mid-distrazzjonijiet, biss permezz ta' don t'Alla. It'talb tiegħu huwa d-don tiegħu, u kull ma għandna nagħmlu aħna huwa li illi niddponu jew inlestu lilna nfusna billi nisktu. Is-silenzju huwa it-tweġiba essenzjali tal-bniedem għall-misteru ta' Alla, għall-infinità tiegħu."

--- A tree filled with monkeys (From The Joy of Being - John Main OSB)"

**Fr Thomas Keating ocso (Trappist) jikteb dwar:**

## Is-Centering Prayer *jew* it-Talba tal-Kunsens

Il-kelma speċjali hija simbolu tal-kunsens li nagħtu għall-preżenza t'Alla. Wara xi żmien, il-volontà tagħti l-kunsens weħedha, mingħajr bżonn ta' simbolu. Il-ħidma li tagħmel il-volontà waqt it-talb hija ħidma tassew, iżda tikkonsisti f'li tirċievi, tilqa'. Li tirċievi hija ħidma mill-aktar tqal li hemm. Li tilqa' lil Alla hija l-ħidma ewlenija fit-talb kontemplattiv.

Il-metodu tas-Centering Prayer huwa mod kif tinfetaħ għal Alla mid-direzzjonijiet kollha ($360^{o}$). Li ċċedi lilek innifsek lil Alla huwa kunsens, f'forma aktar żviluppata. It-transformazzjoni hija ħidma t'Alla. Aħna ma nistgħu nagħmlu xejn sabiex dan inġegħluh iseħħ. Nistgħu iżda, dan ma nħalluhx iseħħ.

Hekk kif nabitwaw ruħna għal dan it-talb, Preżenza misterjuża, Preżenza ta' sliem, Preżenza mhix mifruda donnha tgħammar fik. Xi wħud jgħidu li Alla jkun qed jgħix fihom. Dik il-Preżenza ħiemda, li tkun dejjem hemm meta jinġabru, issir il-mod tagħħom ta' kif jitolbu.

--- Fr Thomas Keating ocso Contemplative Outreach Ltd
http://www.contemplativeoutreach.org/OpenHeart/hymn.htm

**Links:**

Ara dawn il-Videos: http://www.antidemalta.com/Spirituality/HowToPray.htm#Centering .
Pamphlet* in English Informational Pamphlet on Centering Prayer
Pamphlet* in Italian Il Metodo della Centering Prayer
Pamphlet* in French La methode de la priere de consentement

(*) Contemplative Outreach (USA): http://www.contemplativeoutreach.org/site/PageServer
Contemplative Outreach (UK) http://www.couk.org.uk/

**Ara Fuljett bil-Malti:** http://www.antidemalta.com/Spirituality/HowToPray.htm or download from:
http://www.antidemalta.com/Spirituality/MALTI%20Brochure%20CO%20Centering%20Prayer%20V4.pdf

**MEDIA**

- Intervista fuq SJAF minn Leonard Zerafa fil-Ġensillum tal-5 ta' Settembru
- Intervista *live* fuq il-programm tat-televixin Ding Dong ta' Manuel Micallef fuq il-Facourite TV channel, 7 ta' Settembru
- Intervista minn Dr Frank Cassar fuq Radju Maria, 10 ta' Settembru
- Artiklu fuq il-Klabb NannaKola fil-Magażin tad-Dijoċesi FLIMKIEN ta' Ottubru (paġni tan-nofs tal-Parroċċi ta' Ħaż Żabbar u ta' M'Scala)

# Rağna Poeżija



*Kotran*

Iċ-cagħqa li twaddbet fil-għoli
mill-abbondanza
kotrana bla kejl
tegħreq ħiemda
taħt ċrieki jitwessgħu fil-wiċċ
u tasal sa qiegħ mudlam u xiħ
fejn tiġi wiċċ imbwiċċ
man-natura tal-blat
fiha, hi.

Tkompli tiżbroffa
l-abbondanza bla kejl
b'għanijiet misturin (miċ-ċagħaq)
jew bla għan
f'żifna tal-kosmos u lilhinn
ta' ħeġġa w ħolqien.



"Għamilni Kanal għall-Grazzja tiegħek"

Issemmajt fit-tpespis tal-bosk
u smajtu jirrakkonta f'siġra
għasfur zgħir lis-sieħba,
l-istorja tal-frotta żagħżugħa
li weħlet:

"il-likwidu tal-ħajja nstadd
u għexet vulnerabbli
titnigges mix-xewk
u tinħaraq mir-riħ
u l-povra frotta b'feriti w tikmix
intliet

u naqsulha l-ilwien li jiġbduna
ma baqgħetx ratba għal saqajna
għebulha t-togħma tajba
u s-sugu bnin li bih intiru s-sema
iż-żerriegħa, ż-żerriegħa
ma stajniex nibilgħu

u għalhekk ma kilnijiex,
ma setgħetx tmut sew
u ma tagħtniex ħajja."

tony macelli

# OPEN DAY

Il-Ħadd, 8 ta' Novembru 2009

mid-9:30 ta' filgħodu 'l quddiem.

- Quddiesa
- Esibizzjoni tal-ħidma tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida
- Story Telling u Face Painting
- Car Wash
- Bejgħ ta' Pjanti, Kotba u Ħelu
- Fieq u Fejjaq b'metodu sempliċi
- Attivitajiet oħra

Narawkhom

**Intervistà li għamel il-ġurnalista Leonard Zerafa lil SJAF li dehret fil-ĠENS*illum* – 5 ta' Settembru 2009**

## Il-volontarjat – valur u esperjenza fil-ħajja

"Fil-fehma tiegħi, ħafna mill-problemi soċjali li niltaqgħu magħhom huma kkawżati minn tliet nuqqasijiet: nuqqas ta' għarfien dwarna nfusna, nuqqas ta' għarfien dwar x'inhi u kif tmantni relazzjoni, u l-kilba esaġerata għall-affarjiet materjali," stqarret ma' Ġens Illum Nora Macelli, il-kap eżekuttiv tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida (SJAF). "In-nuqqas ta' rieda li wieħed ikompli jitgħallem fil-ħajja tkompli tgħarraq ħafna sitwazzjonijiet diġà mwiegħra."

SJAF hija għaqda volontarja mwaqqfa mis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida b'kollaborazzjoni ma' lajċi. Organizzazzjoni li twaqqfet wara ristrutturar intern tal-ħidma tas-St Jeanne Antide Welfare Campaign imwaqqfa sa mis-snin sittin. Il-Governing Board huwa presedut minn Sr Salvina Bezzina, soru tal-karità li hija s-Superjura Provincjali tal-kongregazzjoni f'Malta. Il-Fondazzjoni toffri għadd ta' servizzi soċjo-edukattivi lil individwi u familji vulnerabbli u esklużi. Il-Fondazzjoni toffri sevizzi li għalihom tinħass il-ħtieġa sabiex ma tiddupplikax u toffrihom lill-parroċċi ġirien bħal ma huma Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.

Ġens Illum tkellem ma' Nora Macelli fejn hi spjegat lil dan il-ġurnal l-importanza ta' edukazzjoni dwar x'inhi relazzjoni, kif tibniha u tmantnieha sabiex nikbru personalment u fir-relazzjonijiet ma' ħaddiehor. "Jeħtieġ li ninvestu fil-bini tal-kapaċità ta' kif nirrelataw b'mod ġenwin u profond ma' xulxin sabiex ir-relazzjonijiet ma' ħaddieħor jikbru u jissaħħu."

Il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida tgħin persuni ta' kull età li huma vulnerabbli u jħossuhom mwarrba. SJAF toffri għadd ta' servizzi lill-persuni fil-bżonn Wieħed mis-servizzi huwa ċ-Ċentru Antida li jilqa' lil kull min iħoss il-bżonn li jiftaħ qalbu sabiex jikseb għajnuna. Permezz ta' social workers, ners, counsellor u voluntiera li jgħinu lit-tim, numru konsiderevoli ta' familji qed jiġu milħuqa. Il-kappillani u saċerdoti tal-parroċċi viċin jħeġġu huma stess lill-parruċċani sabiex jagħmlu użu mis-servizzi li tipprovdi SJAF, kompliet tispjega lil Ġens Illum Nora Macelli.

Fost għanijiet li għandha din l-organizzazzjoni hemm dak li jiġu identifikati gruppi ta' nies fil-minoranza sabiex jinħolqilhom appoġġ. Għan ieħor hu li tingħata opportunità lil min hu interessat li jwettaq ħidma volontarja b'risq persuni u familji fil-bżonn; bħalissa hemm 61 voluntiera jaħdmu mal-Fondazzjoni, aktar minn wieħed minn kull erbgħa 'l fuq mis-60 sena.

Din l-organizzazzjoni tipprovdi l-opportunità u taħriġ lil dawk il-persuni li jagħmlu użu mis-servizzi tagħha sabiex huma wkoll jaslu biex jipprovdu servizzi għal nies oħra li huma fil-bżonn waqt li fl-istess ħin jiksbu dinjità u sens ta' tifsira fil-ħajja. Ma jistax jonqos ukoll li din il-fondazzjoni tkun miftuħa għal xogħol volontarju ta' żgħażagħ li jixtiequ joffru ħin u enerġija b'risq l-oħrajn sabiex jakkwistaw esperjenzi u viżjoni fil-ħajja.

L-importanza tat-tagħlim ma tistax tifirdu minn appoġġ soċjali. Għaldaqstant, il-Fondazzjoni tipprovdi diversi opportunitajiet biex persuni ta' kull età jkomplu jitgħallmu. Il-Programm Bridge, per eżempju, joffri taħriġ fil-ħiliet bażiċi lil żgħażagħ ta' bejn is-sittax u erba' u għoxrin sena li ffaċċjaw diffikultajiet fit-tagħlim jew minħabba problemi ta' saħħa mentali f'żogħżithom jew minħabba diffikultajiet fl-iżvilupp. Tkellmet fuq programm ieħor magħruf bħala Aħn' Aħwa fejn voluntiera jkunu 'mentors' għal żgħażagħ vulnerabbli biex jibbenefikaw minn relazzjoni ta' ħbiberija u appoġġ f'oqsma ta' interess komuni. Appoġġ fil-homework huwa servizz għal tfal u adoloxxenti riferuti mis-servizz ta' Social Work u Counselling tal-Fondazzjoni minħabba li l-familja ma tkunx f'qagħda li toffri appoġġ edukattiv weħida.Macelli spjegat ukoll lil dan il-gurnal li jsiru korsijiet ta' taħriġ varji għal adulti vulnerabbli u volontiera tal-Fondazzjoni. Jittieħdu wkoll għadd ta' inizzjattivi oħra ta' Appoġġ għall-Carers bħal korsijiet għall-familji u qraba ta' persuni b'diżabilità, persuni bi ħtiġijiet speċjali u problemi ta' saħħa mentali u klabbs edukattivi għan-nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom jew minħabba separazzjoni taż-żwieġ ta' l-ulied adulti jew minħabba mpjieg.

Mistoqsija dwar il-kategoriji ta' diffikultajiet li l-aktar li jiltaqgħu magħhom permezz tal-firxa ta' servizzi, Macelli semmiet il-problemi ta' saħħa mentali, l-effetti ta' relazzjonijiet li tnawwru, nisa f'inkubu ta' kontroll u poter mis-sieħeb, u nuqqas ta' ħiliet ta' immaniġġjar tar-riżorsi limitati li wieħed ikollu (bħal flus), u n-niket ta' nies li jħossuhom weħidhom.

Mistoqsija minn dan il-gurnal x'inhuma l-għanijiet ta'din il-fondazzjoni fil-futur qarib, Macelli semmiet, fost affarijiet oħra, il-pjan li tinfetaħ dar għal nisa immigranti irregolari, uħud minnhom tqala, li jinbeda servizz t'appoġġ għal tfal u żgħażagħ li jkollhom jieħdu ħsieb ta' membru tal-familja (dan se jsir id f'id mal-Mental Health Association) u servizz ta' appoġġ għal familji f'Ħaż Żabbar id f'id mal-Parrocca ta' Ħaż Żabbar. Però, kompliet tispjega, kollox jiddependi minn jekk jinstabux fondi adegwati, fost affarjiet oħra.'